28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi t-terminu ***"cum ex"*** – jew skemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi – jirreferi għall-prattika tan-negozju ta' ishma b'tali mod li l-identità tas-sid reali tibqa' moħbija u li ż-żewġ partijiet jew aktar involuti jkunu jistgħu jitolbu ***ribassi*** tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali li tkun tħallset darba biss; | A. billi t-terminu ***"cum-ex"*** – jew skemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi – jirreferi għall-prattika tan-negozju ta' ishma b'tali mod li l-identità tas-sid reali tibqa' moħbija u li ż-żewġ partijiet jew aktar involuti jkunu jistgħu jitolbu ***rifużjonijiet*** tat-taxxa ***minn ras il-għajn*** fuq il-qligħ kapitali li tkun tħallset darba biss; |

Or. en

**Emenda 2**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***H. billi ġie rrappurtat li dawn il-prattiki kriminali jinvolvu istituzzjonijiet finanzjarji ta' Stati Membri tal-UE, fosthom diversi banek kummerċjali kbar u magħrufin;*** | ***imħassar*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***I. billi r-rapport finali tar-Raba' Kumitat ta' Inkjesta tal-Bundestag ikkonkluda, flimkien mal-qrati Ġermaniżi, li prattiki tat-taxxa bħal tranżazzjonijiet cum-ex li jinvolvu bejgħ bin-nieqes huma illegali, u li l-Assoċjazzjoni tal-Banek Ġermaniżi kienet kompliet għarrqet il-problema minflok ma għenet biex issolviha;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissarju inkarigat mit-tassazzjoni ma jirrikonoxxix il-bżonn li tiġi estiża s-sistema kurrenti għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 5**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jitlob li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Bankarja Ewropea jagħmlu inkjesta dwar skemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi bħal cum-ex jew cum-cum ħalli jivvalutaw it-theddidiet potenzjali għall-integrità tas-swieq finanzjarji; jistabbilixxu n-natura u l-kobor tal-atturi f'dawn l-iskemi; jivvalutaw jekk kienx hemm ksur tal-liġijiet nazzjonali jew ta' dawk tal-Unjoni; jivvalutaw l-azzjonijiet meħuda mis-superviżuri finanzjarji fl-Istati Membri; u jagħmlu rakkomandazzjonijiet adatti għal riforma u għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati; | 3. Jitlob li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Bankarja Ewropea jagħmlu inkjesta dwar skemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi bħal cum-ex jew cum-cum ħalli jivvalutaw it-theddidiet potenzjali għall-integrità tas-swieq finanzjarji ***u għall-baġits nazzjonali***; jistabbilixxu n-natura u l-kobor tal-atturi f'dawn l-iskemi; jivvalutaw jekk kienx hemm ksur tal-liġijiet nazzjonali jew ta' dawk tal-Unjoni; jivvalutaw l-azzjonijiet meħuda mis-superviżuri finanzjarji fl-Istati Membri; u jagħmlu rakkomandazzjonijiet adatti għal riforma u għal azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Markus Ferber, Dariusz Rosati**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jissottolinja li r-rivelazzjonijiet rapportati ma jaffettwawx l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Markus Ferber**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| ***12. Jinnota li nstab li proporzjon kbira tal-użu ta' SPVs u SPEs fi flussi tal-investiment barrani dirett hija indikatur ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa;*** | ***imħassar*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità